# Il-Midghi

Għax tgħid! Kif t'ġi, kultant!

Kont ġej lura minn Ħal1 * * * fejn kienu nġabru eluf ta' nies, biex iqimu 'l Alla l-imbierek, u jisimgħu qassis jitkellem bl-ikbar ħeġġa, kontra l-misħuta għada tad-dagħa.

K enu nġabru f'dak in-nhar, fil-misraħ ta' dar-raħal, kbarat u mexxejja tal-poplu u nies oħra magħrufa; u l-kotra kienet ferħet għaliex intqal li l-Gvern, biex igħin fil-qirda ta' din id-drawwa kerha, kien għadda liġi li taħtha, min jiġi mixli li semma l-isem t'Alla fil-batal, jeħel kemxa flus, jew ma nafx kemm ħabs.

Uċuh l-irġiel li kelli ma' dwari ma kenux uċuh in-nies ħżiena jew il-midgħajja. Madankollu l-bixra u l-ħarsa tal-biċċa l-kbira fosthom kienet dik ta' min hu hieni bih innifsu għax f'għomru qatt biss ma qal 'aħraq dinek'.

Xħin arġajt lura lejn dari u qrobt lejn it-triq t'egħi, smajt ħafna għajjat tat-tfal u daħk tal-kbar. Bsart x'kien! Marjanu x-xiħ, kienu reġgħu għamlu għalih it-tfal, kien żarrat xi tnejn ħoxnin u kienu ġibulu l-pulizija.

Jien u għaddej minn ħdejn ir-remissa tiegħu kien għadu kemm warrab kuntistabbli, wara li kien ħarrku fuq id-dagħa.

Marjanu kien għadu f'bieb ir-remissa — imbaqbaq — jil-menta, jitmasħan u jzekzek; jagħti b'idu l-waħda fl-ajru u jisħet kemm tfal fiha Malta; u qabilhom it-tfal tal-ġirien tagħna. Minn wara l-kantuniera tad dar tiegħi kien għadu jinstema' leħen l-iżjed wieħed misħut fosthom igħajjat b'idu ma' ħalqu: "Ara Marjanu, l-qammiel!..."

—"Dan mhux sewwa! Din mhix liġi", qalli x'ħin waqaft u saqsejtu x'kien ġralu. Jien ma nimbex lil ħadd; ma nkellem lil ħadd... Dal-ħafna wlied il-forka ma jistgħux jarawni li ma jgarawnix bil-ġebel. U jekk niżbalja b'waħda biss, iħarrkuni... Mhux sewwa. Marjanu ma kienx xurban f'dak il-waqt; u d-demgħa li ġelbnet ma' ħaddejh nisthajjel li kienet karba mdejqa, ħierġa minn qiegħ qalbu. "Lanqas ili ġimgħa li sibt biċċa xogħol, ħaqq ħlas il-kera u ħaqq biċċa ħobż ħażina. Jekk neħel imqar ħmistax, nitlef il-qaleb u l-ġbejna!"

U ssokta jgerger, jimsaħ għajnejh u jdur mar-remissa.

Qabel ħallejtu, għajnejja marru fuq kwadru qadim, waħdani, bi xbieha fih tas-Salvatur, w'eqaf fuq xkaffa ma' ħajt, b'lampa taż-żejt tixgħel quddiemu. Deherli li f'dak il-waqt fomm Ġesù kien qed jitbissem. Tafux xbieha kif tidher mita għorfa tkun bejn fid-dlam u fid-dawl?......

Xħin dħalt id-dar u dendilt il-kappell u ħarist lejja nnifsi fuq biċċa mera ma' ħajt, sibt li jien ukoll fuq fommi kelli l-fdal ta' tbissima.

*Ġużè Ellul Mercer*